REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/37

tat-12 ta' Jannar 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 fir-rigward tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' pollam u għasafar miżmuma fil-magħluq u l-prodotti ġerminali tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 146(2), l-Artikolu 156(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) u l-Artikoli 162(5), 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 ([3]) jistabbilixxi mudelli taċ-ċertifikati, fil-forma ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jew ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-movimenti bejn l-Istati Membri, u d-dħul fl-Unjoni, ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u prodotti ġerminali tagħhom. Dawn il-kunsinni jinkludu dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 ([4]) u (UE) 2020/692 ([5]).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar id-Deċiżjoni 2010/470/UE (ĠU L 113, 31.3.2021, p. 1).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 140).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

(2) Il-Kapitolu 18 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti jew inqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam għajr ir-ratiti (mudell "POU-INTRA-LT20"). L-Artikolu 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 ġie emendat reċentement bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2021/1706 ([6]) sabiex tiġi prevista deroga għall-movimenti tal-kunsinni ta' inqas minn 20 eżemplar ta' flieles ta' ġurnata ta' pollam għajr ir-ratiti, imfaqqsa minn bajd għat-tifqis li jkunu daħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz jew minn territorju u żona tiegħu. Jenħtieġ li dik l-emenda tiġi riflessa f'dak il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kapitolu 18 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jiġi emendat skont dan.

(3) Il-Kapitolu 19 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' pollam maħsub għall-iskarnar (mudell "POU-INTRA-Y"). L-Artikoli 29 u 44 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([7]) jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' movimenti għall-iskarnar ta' annimali miżmuma ta' speċijiet elenkati li jinsabu f'żona ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza wara l-konferma ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A. Jenħtieġ li dawk il-kundizzjonijiet speċifiċi jiġu riflessi f'dak il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kapitolu 19 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jiġi emendat skont dan.

(4) Fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403, il-Kapitolu 27 jistabbilixxi mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' bajd għat-tifqis tal-pollam għajr ir-ratiti (mudell "HEP") u l-Kapitolu 28 jistabbilixxi mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ta' bajd għat-tifqis tar-ratiti (mudell "HER"). L-Artikolu 107 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/692 ġie emendat reċentement bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2021/1705 ([8]) sabiex jiġu stabbiliti rekwiżiti ġodda għall-kunsinni ta' bajd għat-tifqis tal-pollam fir-rigward l-ispezzjoni tal-qatgħa tal-oriġini tagħhom. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti l-ġodda jiġu riflessi f'dawk il-mudelli taċ-ċertifikati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kapitoli 27 u 28 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jiġu emendati skont dan.

(5) Il-Kapitolu 34 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' għasafar miżmuma fil-magħluq (mudell "CAPTIVE-BIRDS"). L-Artikolu 62 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 ġie emendat reċentement bir-Regolament Delegat (UE) 2021/1705, biex tiddaħħal deroga mir-rekwiżiti speċifiċi dwar is-saħħa tal-annimali għall-għasafar miżmuma fil-magħluq għad-dħul fl-Unjoni tal-ħamiem tat-tiġrija minn pajjiż terz jew minn territorju jew żona tiegħu fejn jinżamm normalment, bl-intenzjoni li jinħeles immedjatament bl-istennija li jtir lura lejn dak il-pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-emendi jiġu riflessi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 billi tiġi eskluża dik il-kategorija ta' għasafar miżmuma fil-magħluq minn dak il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u billi minfloku jiġi stabbilit mudell ġdid taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ħamiem tat-tiġrija li għandu jinħeles immedjatament wara d-dħul (mudell "RACING PIGEONS-IMMEDIATE RELEASE"). Għalhekk jeħtieġ li jiġi emendat il-Kapitolu 34 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 u li jiżdied Kapitolu 34a ġdid ma' dak l-Anness.

(6) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jiġu emendati skont dan.

(7) L-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jelenka l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' għasafar u prodotti ġerminali. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi emendat biex f'dik il-lista tiġi inkluża referenza għall-mudell il-ġdid "RACING PIGEONS-IMMEDIATE RELEASE" li jrid jiddaħħal fil-Kapitolu 34a ġdid tal-Anness II tiegħu.

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1706 tal-14 ta' Lulju 2021 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/688 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis (ĠU L 339, 24.9.2021, p. 56).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

([8]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1705 tal-14 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 339, 24.9.2021, p. 40).

(8) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fil-kummerċ fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinni affettwati mill-emendi li jridu jsiru fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 permezz ta' dan ir-Regolament, l-użu taċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403, kif applikabbli qabel l-emendi magħmula minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jibqgħu jiġu awtorizzati matul perjodu tranżitorju soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

   (a) il-punt (l) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "(l) CAPTIVE-BIRDS, għajr il-ħamiem tat-tiġrija mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 34 tal-Anness II, għall-għasafar miżmuma fil-magħluq, għajr il-ħamiem tat-tiġrija li jinħeles immedjatament wara d-dħul fl-Unjoni;";

   (b) il-punt (m) huwa sostitwit bil-punti (m) u (n) li ġejjin:

   "(m) RACING PIGEONS-IMMEDIATE RELEASE mfassal f'konformità mal-Kapitolu 34a tal-Anness II, għall-ħamiem tat-tiġrija li jinħeles immedjatament wara d-dħul fl-Unjoni;

   (n) HE-CAPTIVE-BIRDS imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 35 tal-Anness II, għall-bajd għat-tifqis tal-għasafar miżmuma fil-magħluq.";

2. L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju sal-15 ta' Settembru 2022, il-kunsinni ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' pollam u għasafar miżmuma fil-magħluq u prodotti ġerminali tagħhom, akkumpanjati mill-mudell xieraq taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjalijew mill-mudell xieraq taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ f'konformità mal-mudelli stabbiliti fil-Kapitoli 27, 28 u 34 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403, kif applikabbli qabel l-emendi magħmula lil dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni permezz ta' dan ir-Regolament, għandhom ikomplu jkunu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni dment li ċ-ċertifikat ikun inħareġ mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2022.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Kapitolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"

KAPITOLU 18: MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦALL-MOVIMENT BEJN L-ISTATI MEMBRI TA' INQAS MINN 20 EŻEMPLAR TA' POLLAM GĦAJR IR-RATITI JEW INQAS MINN 20 BAJDA GĦAT-TIFQIS TA' POLLAM GĦAJR IR-RATITI (MUDELL "POU-INTRA-LT20")

<table>
<tr><td colspan="3">L-UNJONI EWROPEA</td><td colspan="3">INTRA</td></tr>
<tr><td rowspan="5">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td>Konsenjatur
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza tal-IMSOC
I.2a Referenza lokali
I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali
I.4 Awtorità Kompetenti Lokali</td><td>KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td>Konsenjatarju
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="2">Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment
Isem Nru tar-reġistrazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td>Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="2">Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td>Reġjun tal-oriġini Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="2">Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td>Post tad-dispaċċ
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="2">Post tad-destinazzjoni
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td>Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="2">Data u hin tat-tluq</td></tr>
<tr><td></td><td>I.15</td><td>Mezz tat-trasport
☐ Bastiment ☐ Inġenju tal-ajru
☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni ☐ Ohrajn
Dokument</td><td>I.16</td><td colspan="2">Trasportatur
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Awtorizzazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td></td><td>I.18</td><td colspan="4">Kundizzjonijiet tat-trasport ☐ Ambjentali ☐ Imkessah ☐ Iffriżat</td></tr>
<tr><td></td><td>I.19</td><td colspan="4">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td></td><td>I.20</td><td colspan="4">Iċċertifikat bħala jew għal
☐ Żamma ulterjuri ☐ Skarnar ☐ Stabbiliment konfinat ☐ Prodotti ġerminali
☐ Annimali ekwini rreġistrati ☐ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali ☐ Wirja ☐ Avveniment jew attività qrib il-fruntieri
☐ Ħelsien fis-selvaġġ ☐ Ċentru tad-dispaċċ ☐ Żona ta' riinstallazzjoni/ċentru ta' purifikazzjoni ☐ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali
☐ Ipproċessar ulterjuri ☐ Fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija ☐ Użu tekniku ☐ Stabbiliment ta' kwarantina jew stabbiliment simili
☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem ☐ Dakkir ☐ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem ☐ Ohrajn</td></tr>
</table>

I.21	☐ **Għat-tranżitu minn pajjiż terz**		
	Pajjiż terz		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	Punt ta' ħruġ		Kodiċi BCP
	Punt ta' dħul		Kodiċi BCP

I.22	☐ **Għat-tranżitu mill-Istat(i) Membru/i**		**I.23**	☐ **Għall-esportazzjoni**
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż	Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż	Punt ta' ħruġ	Kodiċi BCP
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		

I.24	**Ħin stmat tal-vjaġġ**		**I.25**	**Ġurnal tal-vjaġġ**	☐ iva ☐ le
I.26	**Għadd totali ta' imballaġġi**		**I.27**	**Kwantità totali**	
I.28	**Piż nett totali/piż gross (kg)**		**I.29**	**Spazju totali previst għall-kunsinna**	

I.30 Deskrizzjoni tal-kunsinna

Kodiċi NM	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità Tip
Reġjun tal-oriġini		Maħżen kiesah		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	Test	

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POU-INTRA-LT20**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa

II.a Referenza taċ-ċertifikat

II.b Referenza tal-IMSOC

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1.1. [il-pollam għajr ir-ratiti][1] [il-bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti][1] deskritt fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat ġej minn stabbiliment [irreġistrat][1] [approvat][1], li mhuwiex soġġett għal restrizzjonijiet fuq il-moviment jew li jinsab f'żona ristretta stabbilita għal raġunijiet tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi ta' tjur;

II.1.2. sa fejn naf jien, u kif iddikjarat mill-operatur, [il-pollam għajr ir-ratiti][1] [il-bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti][1] deskritt fil-Parti I ġej minn stabbiliment fejn ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża mhux iddeterminata;

II.1.3. [il-pollam għajr ir-ratiti][1] [il-bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti][1] deskritt fil-Parti I ġej minn qatgħa li kienet kontinwament residenti fl-istabbiliment tal-oriġini minn meta faqqas jew għal mill-inqas l-aħħar 21 jum qabel

[1][2][3][4]*jew* [it-tluq tal-kunsinna;]

[1][5]*jew* [il-ġbir tal-bajd;]

[1]*jew* [II.1.4. [il-pollam għajr ir-ratiti deskritti fil-Parti I][2][3] ittestja negattiv, fi żmien 21 jum qabel il-ħin tat-tagħbija għad-dispaċċ, f'testijiet seroloġiċi u/jew batterjoloġiċi[6] għal:

[1]*jew* [*Salmonella* Pullorum, *Salmonella* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Gallus gallus*);]

[1]*jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(k)), *Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Meleagris gallopavo*);]

[1]*jew* [*Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum (fil-każ ta' *Numida meleagris*, *Coturnix coturnix*, *Phasianus colchicus*, *Perdix perdix* u *Anas spp*);]];

[1]*jew* [II.1.4. [il-flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti][1] [il-bajd għat-tifqis tal-pollam għajr ir-ratiti][1] deskritt fil-Parti I ġejjin minn qatgħa li ttestjat negattiv, fi żmien 21 jum qabel il-ħin tat-tagħbija għad-dispaċċ, f'testijiet seroloġiċi u/jew batterjoloġiċi[6] għal:

[1]*jew* [*Salmonella* Pullorum, *Salmonella* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Gallus gallus*);]

[1]*jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(k)), *Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Meleagris gallopavo*);]

[1]*jew* [*Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum (fil-każ ta' *Numida meleagris*, *Coturnix coturnix*, *Phasianus colchicus*, *Perdix perdix* u *Anas spp*);]];

[1][2][3][4]*jew* [II.1.5. il-pollam għajr ir-ratiti deskritt fil-Parti I

II.1.5.1. ma ġiex f'kuntatt ma' pollam li kien għadu kif wasal jew ma' għasafar bi stat ta' saħħa inferjuri matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq tal-kunsinna;

II.1.5.2. ikun ġej minn qatgħa li fiha ma jkun instab l-ebda każ ikkonfermat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq tal-kunsinna, f'konformità mas-sorveljanza prevista fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689;

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POU-INTRA-LT20**

	II.1.5.3.	huma			
	[(1)(7)]*jew*	[(a)			ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;]
	[(1)(7)]*jew*	[(a)			ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'[vaċċini inattivati][(1)] [vaċċini ħajjin attenwati li jikkonformaw mal-kriterji tal-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688][(1)] …….. (isem ir-razza użata fil-vaċċin) fi …….. (data) fl-età ta' ……. ġimgħat;]
	[(1)(8)]*jew*	[(a)			huma maħsuba għal Stat Membru jew żona tiegħu li jkunu nghataw l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minghajr tilqim, u:
		[(1)(2)]*jew*	[(i)		ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
			(ii)		ikunu nżammu f'iżolament għal mill-inqas 14-il jum qabel it-tluq tal-kunsinna fl-istabbiliment tal-oriġini taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali jew fi stabbiliment ta' kwarantina approvat, fejn: - l-ebda pollam ma tlaqqam kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul il-perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel it-tluq; - l-ebda għasfur ieħor ma ddaħħal fl-istabbiliment matul dak iż-żmien; - ma jkun sar l-ebda tilqim fl-istabbiliment ta' kwarantina;
			(iii)		ikunu ttestjaw negattiv għal testijiet seroloġiċi sabiex jiġu individwati antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettqa fuq kampjuni tad-demm f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 % u li ttieħdu matul il-perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel it-tluq;]
		[(1)(3)]*jew*	[ġejjin minn qatgħa li:		
			[(1)]*jew*		[mhijiex imlaqqma kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u ttestjat negattiv, matul l-aħħar 14-il jum qabel it-tluq tal-kunsinna, f'testijiet seroloġiċi għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle mwettqa fuq kampjuni tad-demm f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %;]

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POU-INTRA-LT20**

	[(1)]*jew* [hija mlaqqma kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u ttestjat negattiv, matul l-aħħar 14-il jum qabel it-tluq tal-kunsinna, f'test għall-individwazzjoni tal-preżenza tal-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettaq f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %;]]
	[(1)(4)]*jew* [(i) ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
	(ii) ġejjin minn bajd għat-tifqis li:
	- mhumiex imlaqqma kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
	- ġej minn qatgħat li:
	[(1)]*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;]
	[(1)]*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'[vaċċini inattivati][(1)] [vaċċini ħajjin attenwati li jikkonformaw mal-kriterji tal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 u t-tilqim ikun sar mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd għat-tifqis][(1)]
	…….. (isem ir-razza użata fil-vaċċin) fi ……. (data) fl-età ta' ……. ġimgħat;]
	(iii) ġejjin minn mafqas fejn il-prattika tax-xogħol tiżgura li l-bajd għat-tfaqqis jiġi inkubat f'ħinijiet u postijiet kompletament separati mill-bajd għat-tfaqqis li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet fil-punt (ii);]]
	[(9)] [(b) huma papri jew wiżż u ttestjaw negattiv għal eżami viroloġiku għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, matul il-ġimgħa qabel il-ħin tat-tagħbija għad-dispaċċ;]
	II.1.5.4. il-qatgħa tal-oriġini u l-annimali tal-kunsinna jkunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fi żmien 48 siegħa qabel it-tagħbija sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wrew l-ebda sinjal kliniku jew suspett ta' mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;]
[(4)(14)]	II.1.5.5. il-flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti deskritti fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat ikunu faqqsu minn bajd għat-tifqis li jkun dahal fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692.

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POU-INTRA-LT20**

	[(1)(5) *jew* [II.1.5. il-bajd għat-tifqis deskritt fil-Parti I
	II.1.5.1. ġej minn qatgħa li abbażi ta'
	(1) *jew* [spezzjoni klinika fl-aħħar 72 siegħa qabel it-tluq tal-kunsinna u r-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment, ivverifikati fl-aħħar 72 siegħa qabel it-tluq tal-kunsinna, ma juri l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;]
	(1) *jew* [żjarat ta' spezzjoni tas-saħħa ta' kull xahar, bl-aktar waħda reċenti tkun fl-aħħar 31 jum qabel it-tluq tal-kunsinna, u r-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment, ivverifikati fl-aħħar 72 siegħa qabel it-tluq tal-kunsinna, ma juri l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;]
	(1)(7) *jew* [II.1.5.2. ġej minn qatgħa li ma tkunx tlaqqmet kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;]
	(1)(7) *jew* [II.1.5.2. ġej minn qatgħa li tkun tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'[vaċċini inattivati](1) [vaċċini ħajjin attenwati li jikkonformaw mal-kriterji tal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688](1) …….. (isem ir-razza użata fil-vaċċin) fi …….. (data) fl-età ta' ……. ġimgħat;]
	(1)(8) *jew* [II.1.5.2. huma mahsuba għal Stat Membru li jkun inġħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim, u: (a) ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle; (b) ġej minn qatgħa li (1) *jew* [ma tkunx tlaqqmet kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;] (1) *jew* [tkun tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'[vaċċini inattivati](1) [vaċċini ħajjin attenwati li jikkonformaw mal-kriterji tal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 u t-tilqim ikun sar mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd għat-tifqis](1) …….. (isem ir-razza użata fil-vaċċin) fi …….. (data) fl-età ta' ……. ġimgħat;]]]
	II.1.6. saru arranġamenti sabiex il-kunsinna tiġi ttrasportata f'kontenituri li jikkonformaw mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 u f'mezzi ta' trasport li jikkonformaw mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688.

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POU-INTRA-LT20**

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika

II.2.1. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika dan li ġej rigward [il-pollam tat-tnissil ghajr ir-ratiti][1] [il-pollam produttiv ghajr ir-ratiti][1] [il-pollam maħsub ghall-iskarnar ghajr ir-ratiti][1] [il-flieles ta' ġurnata ghajr ir-ratiti][1] deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

[10][II.2.1.1. Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi ghall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2006 ġew applikati ghall-qatgha tal-oriġini, u l-qatgha ġiet ittestjata ghal serotipi ta' *Salmonella* ta' sinifikat ghas-saħħa pubblika:

Identifikazzjoni tal-qatgħa	**Età tal-għasafar**	**Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf [dd/mm/yyyy]**	**Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa[11]**	
			pożittiv	negattiv

Ghal raġunijiet ohrajn minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*, fl-aħħar tliet ġimghat qabel id-dhul fl-Unjoni:

[1]*jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati lill-pollam tat-tnissil jew produttiv ghajr ir-ratiti;]

[1][12]*jew* [l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati lill-pollam tat-tnissil u l-pollam produttiv ghajr ir-ratiti: ……;]]

[10][II.2.1.2. Jekk il-pollam ikun maħsub ghat-tnissil, la tkun instabet *Salmonella* Enteritidis u lanqas *Salmonella* Typhimurium fi ħdan il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.2.1.1.]

[13][II.2.1.3. Jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Iżvezja:

[1] *jew* [il-pollam tat-tnissil irriżulta negattiv ghat-test tas-*Salmonella* f'konformità mar-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/644/KE;]

[1] *jew* [it-tiġieġ tal-bajd (tjur produttivi mkabbra bil-ghan li jipproduċu bajd ghall-konsum) ittestjaw negattiv f'konformità mar-regoli stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/235/KE.]]

Noti:

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa validu ghal 10 ijiem mid-data tal-hruġ.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi ghall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ghandu jimtela skont in-noti ghall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POU-INTRA-LT20**

Parti I:

Kaxxa I.30: Deskrizzjoni tal-kunsinna

"*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05, 01.06.39, 04.07.

"*Kategorija*": aghżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/ghattuq tal-ftuh/ohrajn.

Parti II:

(1) Żomm kif xieraq.

(2) Applikabbli għall-pollam tat-tnissil u għall-pollam produttiv. Ħassar ir-referenza jekk mhijiex applikabbli għall-kunsinna.

(3) Applikabbli għall-pollam mahsub għall-iskarnar. Ħassar ir-referenza jekk mhijiex applikabbli għall-kunsinna.

(4) Applikabbli għall-flieles ta' ġurnata. Ħassar ir-referenza jekk mhijiex applikabbli għall-kunsinna.

(5) Applikabbli għall-bajd għat-tifqis. Ħassar ir-referenza jekk mhijiex applikabbli għall-kunsinna.

(6) Jekk l-annimali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bi kwalunkwe serotip ta' *Salmonella* jew Mikoplażma, irid jintuża biss ittestjar batterjoloġiku. Il-metodu ta' konferma jrid ikun kapaċi jagħmel differenza bejn razez vaċċinali hajjin u razez selvatiċi.

(7) Ħassar meta l-kunsinna tintbagħat minn Stat Membru jew żona tiegħu li ma jkollhomx l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim lejn Stat Membru jew żona tiegħu li jkunu nghataw l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim.

(8) Din il-garanzija hija meħtieġa għal kunsinni mibgħuta minn Stat Membru jew żona tiegħu li ma jkollhomx l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim lejn Stat Membru jew żona tiegħu li jkunu nghataw l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim. Ħassar ir-referenza jekk mhijiex applikabbli għall-kunsinna.

(9) Applikabbli għall-papri u l-wiżż, għajr dawk mahsuba għall-iskarnar. Ħassar ir-referenza jekk mhijiex applikabbli għall-kunsinna.

(10) Din il-garanzija tapplika biss għall-pollam tal-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

(11) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv:

- qatgħat ta' pollam tat-tnissil: *Salmonella* Hadar, *Salmonella* Virchow u *Salmonella* Infantis;
- qatgħat ta' pollam produttiv: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

(12) Imla jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

(13) Ħassar jekk il-kunsinna mhix se tintbagħat il-Finlandja jew l-Iżvezja.

(14) Meta l-flieles ta' ġurnata jkunu faqqsu minn bajd li jkun dahal fl-Unjoni minn pajjiż terz jew minn territorju jew żona tiegħu, iridu jiġu rrispettati r-rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għall-moviment u l-immaniġġjar ta' dawk l-annimali fl-istabbiliment tad-destinazzjoni, kif stipulati fil-Kapitolu 5 tat-Titolu 2 tal-Parti III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali) Kwalifika u titolu

Isem l-Unità ta' Kontroll Lokali Kodiċi tal-Unità ta' Kontroll Lokali

Data

Timbru Firma

"

(b) Il-Kapitolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"

KAPITOLU19: MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦALL-MOVIMENT BEJN L-ISTATI MEMBRI TA' POLLAM MAĦSUB GĦALL-ISKARNAR (MUDELL "POU-INTRA-Y")

<table>
<tr><td colspan="3">L-UNJONI EWROPEA</td><td colspan="3">INTRA</td></tr>
<tr><td rowspan="6">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td>Konsenjatur
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza tal-IMSOC
I.2a Referenza lokali
I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali
I.4 Awtorità Kompetenti Lokali</td><td>KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td>Konsenjatarju
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="2">Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment
Isem Nru tar-reġistrazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td>Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="2">Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td>Reġjun tal-oriġini Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="2">Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td>Post tad-dispaċċ
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="2">Post tad-destinazzjoni
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td>Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="2">Data u hin tat-tluq</td></tr>
<tr><td></td><td>I.15</td><td>Mezz tat-trasport
☐ Bastiment ☐ Inġenju tal-ajru
☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni ☐ Ohrajn
Dokument</td><td>I.16</td><td colspan="2">Trasportatur
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Awtorizzazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td></td><td>I.18</td><td colspan="3">Kundizzjonijiet tat-trasport ☐ Ambjentali ☐ Imkessah ☐ Iffriżat</td></tr>
<tr><td></td><td>I.19</td><td colspan="3">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td></td><td>I.20</td><td colspan="3">Iċċertifikat bħala jew għal
☐ Żamma ulterjuri ☐ Skarnar ☐ Stabbiliment konfinat ☐ Prodotti ġerminali
☐ Annimali ekwini rreġistrati ☐ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali ☐ Wirja ☐ Avveniment jew attività qrib il-fruntieri
☐ Ħelsien fis-selvaġġ ☐ Ċentru tad-dispaċċ ☐ Żona ta' riinstallazzjoni/ċentru ta' purifikazzjoni ☐ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali
☐ Ipproċessar ulterjuri ☐ Fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija ☐ Użu tekniku ☐ Stabbiliment ta' kwarantina jew stabbiliment simili
☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem ☐ Dakkir ☐ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem ☐ Ohrajn</td></tr>
</table>

I.21	☐ **Ghat-tranżitu minn pajjiż terz**							
	Pajjiż terz			Kodiċi ISO tal-pajjiż				
	Punt ta' ħruġ			Kodiċi BCP				
	Punt ta' dħul			Kodiċi BCP				
I.22	☐ **Ghat-tranżitu mill-Istat(i) Membru/i**			**I.23**	☐ **Ghall-esportazzjoni**			
	Stat Membru		Kodiċi ISO tal-pajjiż		Pajjiż terz		Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	Stat Membru		Kodiċi ISO tal-pajjiż		Punt ta' ħruġ		Kodiċi BCP	
	Stat Membru		Kodiċi ISO tal-pajjiż					
I.24	**Ħin stmat tal-vjaġġ**			**I.25**	**Ġurnal tal-vjaġġ**	☐ iva	☐ le	
I.26	**Ghadd totali ta' imballaġġi**			**I.27**	**Kwantità totali**			
I.28	**Piż nett totali/piż gross (kg)**			**I.29**	**Spazju totali previst ghall-kunsinna**			
I.30	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**							
Kodiċi NM	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità Tip	
Reġjun tal-oriġini		Maħżen kiesaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett	
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Ghadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott	
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	Test		

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POU-INTRA-Y**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa

II.a Referenza taċ-ċertifikat **II.b Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1.1. il-pollam maħsub għall-iskarnar(1) deskritt fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat kien kontinwament residenti fl-istabbiliment tal-oriġini minn meta faqqas jew għal mill-inqas l-aħħar 21 jum qabel it-tluq tal-kunsinna;

II.1.2. il-pollam deskritt fil-Parti I ġej minn stabbiliment:

(2)*jew* [(a) li mhuwiex soġġett għal restrizzjonijiet fuq il-moviment jew li jinsab f'żona ristretta stabbilita għal raġunijiet ta' mard elenkat rilevanti għall-ispeċi tat-tjur;]

(2)*jew* [(b) li jinsab f'żona ta' protezzjoni stabbilita għal raġunijiet ta' mard elenkat rilevanti għall-ispeċi tat-tjur, fejn ma kienx hemm konferma uffiċjali ta' tifqigħa minħabba mard elenkat rilevanti għall-ispeċi tat-tjur u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 28(1), (2), (3), (4), (5) u (7) u l-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 huma rispettati;]

(2)*jew* [(c) li jinsab f'żona ta' sorveljanza stabbilita għal raġunijiet ta' mard elenkat rilevanti għall-ispeċi tat-tjur, fejn ma kienx hemm konferma uffiċjali ta' tifqigħa minħabba mard elenkat rilevanti għall-ispeċi tat-tjur u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 43(1), (2), (3), (4), (5) u (7) u l-Artikolu 44(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 huma rispettati;]

II.1.3. sa fejn naf jien, u kif iddikjarat mill-operatur, il-pollam deskritt fil-Parti I ġej minn stabbiliment fejn ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża mhux iddeterminata;

II.1.4. il-pollam deskritt fil-Parti I:

(2)(3)*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;]

(2)(3)*jew* [ikun tlaqqam kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'[vaċċini inattivati](2) [vaċċini ħajjin attenwati li jikkonformaw mal-kriterji tal-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688](2)

……..

(isem ir-razza użata fil-vaċċin)

fi ……. (data) fl-età ta' ……. ġimgħat;]

(2)(4)*jew* [huwa maħsub għal Stat Membru jew żona tiegħu li jkunu nghataw l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim, u jkun ġej minn qatgħat li:

(2)*jew* [mhumiex imlaqqma kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u ttestjaw negattivi, matul l-aħħar 14-il jum qabel it-tluq tal-kunsinna, f'testijiet seroloġiċi għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle mwettqa fuq kampjuni tad-demm f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %;]

(2)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u jkunu ttestjaw negattiv, matul l-aħħar 14-il jum qabel it-tluq tal-kunsinna, f'test għall-individwazzjoni tal-preżenza tal-virus tal-marda ta' Newcastle mwettaq f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %;]]

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POU-INTRA-Y**

II.1.5. il-qatgħa tal-oriġini u l-annimali tal-kunsinna jkunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fl-aħħar 5 ijiem qabel it-tluq tal-kunsinna u ma wrew l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;

II.1.6. ikunu saru arranġamenti għat-trasport tal-kunsinna f'kontenituri li jkunu konformi mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 u f'mezzi tat-trasport li jkunu konformi mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688;

[5][II.1.7. Minn meta jitilqu mill-istabbilimenti tal-oriġini taghhom u qabel jaslu f'dan l-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ, l-ebda wieħed mill-annimali tal-kunsinna ma jkun għadda minn aktar minn żewġ operazzjonijiet ta' assemblaġġ, u

[2]*jew* [ikunu ġejjin mill-istabbilimenti tal-oriġini taghhom.]]

[2]*jew* [mill-inqas wieħed mill-annimali tal-kunsinna jkun għadda minn operazzjoni waħda ta' assemblaġġ fi stabbiliment approvat.]]

[2]*jew* [mill-inqas wieħed mill-annimali tal-kunsinna jkun għadda minn żewġ operazzjonijiet ta' assemblaġġ fi stabbilimenti approvati.]]

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika

[6][II.2.1. Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2006 ġew applikati għall-qatgħa tal-oriġini, u din il-qatgħa ġiet ittestjata għal serotipi ta' *Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika:

Identifikazzjoni tal-qatgħa	**Età tal-għasafar**	**Data ta' meta ttieħed l-aħħar kampjun mill-qatgħa li għalih huwa magħruf ir-riżultat tal-ittestjar [jj/xx/ssss]**	**Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa[7]**	
			pożittiv	negattiv

Għal raġunijiet oħrajn minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*:

[2]*jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati fuq il-pollam mahsub għall-iskarnar;]

[2][8]*jew* [l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati fuq il-pollam mahsub għall-iskarnar: ……..;]]

[9][II.2.2. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Iżvezja, il-pollam ikun sarlu test mikrobijoloġiku billi ttieħdu kampjuni fl-azjenda tal-oriġini u ttestja negattiv għas-*Salmonella* f'konformità mal-proċeduri fid-Deċiżjoni 95/410/KE skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.]

Noti:

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta' trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma/bil-bahar, il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jista' jiġi estiż bit-tul tal-vjaġġ permezz ta' passaġġi fuq l-ilma/bil-bahar.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq fl-imkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat POU-INTRA-Y**

Parti I:

Kaxxa I.17: F'każ li l-annimali jintbagħtu minn stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fl-Istat Membru tal-oriġini, jistgħu jiġu indikati n-numru/i ta' referenza tad-dokument(i) uffiċjali, li abbażi tiegħu/tagħhom jinħareġ iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għal din il-kunsinna f'dan l-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ. F'każ li l-annimali jintbagħtu minn stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fl-Istat Membru tal-passaġġ, iridu jiġu indikati n-numru/i ta' referenza taċ-ċertifikat(i), li abbażi tiegħu/tagħhom jinħareġ iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għal din il-kunsinna f'dan l-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ.

Kaxxa I.30: Deskrizzjoni tal-kunsinna

"*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

Parti II:

(1) "Pollam maħsub għall-iskarnar" tfisser pollam li għandu jiġi ttrasportat direttament, jew wara li jkun għadda minn operazzjoni ta' assemblaġġ, lejn biċċerija, kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688.

(2) Żomm kif xieraq.

(3) Ħassar meta l-kunsinna tintbagħat minn Stat Membru jew żona tiegħu li ma jkollhomx l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim lejn Stat Membru jew żona tiegħu li jkunu ngħataw l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim.

(4) Din il-garanzija hija mehtieġa għal kunsinni mibgħuta minn Stat Membru jew żona tiegħu li ma jkollhomx l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim lejn Stat Membru jew żona tiegħu li jkunu nghataw l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle minħajr tilqim. Ħassar ir-referenza jekk mhijiex applikabbli għall-kunsinna.

(5) Applikabbli f'każ li l-kunsinna tintbagħat minn stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ. L-annimal fil-kunsinna li jkun għadda mill-oġħla għadd ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ jiddetermina l-għadd ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ permessi li jifdal għal din il-kunsinna. Ħassar ir-referenza jekk mhijiex applikabbli għall-kunsinna.

(6) Din il-garanzija tapplika biss għal pollam li jappartjeni għall-ispeċi ta' *Gallus gallus* u għad-dundjani.

(7) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

(8) Imla jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

(9) Ħassar jekk il-kunsinna mhix se tintbagħat il-Finlandja jew l-Iżvezja.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali)	Kwalifika u titolu
Isem l-Unità ta' Kontroll Lokali	Kodiċi tal-Unità ta' Kontroll Lokali
Data	
Timbru	Firma

"

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tabella introduttorja li tistabbilixxi l-lista tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u d-dikjarazzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni u għat-tranżitu fl-Unjoni li jinsabu f'dak l-Anness, it-Taqsima għall-għasafar u l-prodotti ġerminali tagħhom hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għal CAPTIVE-BIRDS hija sostitwita b'dan li ġej:

"CAPTIVE-BIRDS, other than racing pigeons	Kapitolu 34: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' għasafar miżmuma fil-magħluq, għajr il-ħamiem tat-tiġrija li jinħeles immedjatament wara d-dħul"

(ii) l-entrata li ġejja għal RACING PIGEONS-IMMEDIATE RELEASE tiddaħħal bejn l-entrata għal CAPTIVE-BIRDS u l-entrata għal HE-CAPTIVE-BIRDS:

"RACING PIGEONS-IMMEDIATE RELEASE	Kapitolu 34a: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ħamiem tat-tiġrija li jinħeles immedjatament wara d-dħul"

(b) Il-Kapitolu 27 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"

KAPITOLU 27: MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' BAJD GĦAT-TIFQIS TA' POLLAM GĦAJR IR-RATITI (MUDELL "HEP")

PAJJIŻ — **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**

Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna

I.1	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a**	**Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
			I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**		
			I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**		
I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż		Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**		Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**		Kodiċi
I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż		Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**		
I.15	**Mezz tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**		
			I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali		Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Imkessah		☐ Iffriżat	
I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill			
I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal**					

☐ Prodotti ġerminali

I.21 ☐ **Ghat-tranżitu**			**I.22** ☐ **Ghas-suq intern**		
Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.23**		
I.24 **Għadd totali ta' imballaġġi**	**I.25**	**Kwantità totali**		**I.26**	**Piż nett totali/piż gross (kg)**
I.27 **Deskrizzjoni tal-kunsinna**					
Kodiċi NM Speċi Subspeċi/Kategorija Sistema ta' Identifikazzjoni Numru ta' Identifikazzjoni Kwantità					

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat HEP**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-bajd għat-tifqis[1] ta' pollam għajr ir-ratiti deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ġej miż-żona bil-kodiċi _ _ - _ [2] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 105(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(d) hija meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.1.2. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.1.1, li fiha:

[3]*jew* [(a) ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

[3][4]*jew* [(a) it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

[3]*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa pprojbit;]

[3][5]*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, u l-bajd għat-tifqis:

(i) ġej minn qatgħat li:

- ma jkunux tlaqqmu b'tali vaċċini għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;
